# IL-BIDWI

FOLJU MAĦRUĠ DARBA FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

EDITUR: J. ORLANDO-SMITH.

ru. 115 | MARZU, 1949. | Nru. 115


## L-Għanqbut tan-Nannu

**HIJA ħaġa magħrufa minn kulħadd illi n-natura hija l-qofol ewlieni ta' kull suċċess fil-kobor tal-għelejjel, iżda għall-ɔdiewa tagħna dan ma għandux ifisser li dak li kien jagħmel n-nannu huwa dejjem l-aħjar u li ma hemmx rimedji sabiex ntejbu l-koltivazzjoni tal-prodotti u nħarsu s-siġar u l-uċuħ agħna minn mard, permezz ta' rimedji li mhux biss in-nannu kien għadu ma jafx bihom, iżda li x-xjenza kienet għadha ma kixfithomx.**

Il-Gvernijiet tad-dinja kollha jon-u l-miljuni tal-liri jgħinu lix-xjen-ti tagħhom sabiex bil-kuri u l-etodi moderni li jikxfu jgħinu lill-edja ta' pajjiżhom tiġi 'l quddiem jiftħu l-imħuħ tal-bdiewa biex ju-w dawn il-metodi moderni li bi-ɔm jistgħu jieħdu wċuħ akbar u żaw kuri kontra kull mard. Dan d hux il-każ li wieħed jgħallem lill-dwi x'għandu jiżra' IŻDA huwa każ li wieħed jgħallmu kif għandu żra' bil-metodi moderni, liema isturi għandu juża biex iħares mill-ard l-għelejjel li jkollu, u kif għan-ı jrabbi l-annimali tiegħu skond is-ngħa.

Hija ħrafa li wieħed jgħid li l-dwi m'għandux x'jitgħallem. Bħal a huwa l-bniedem hekk ukoll li-anti u l-annimali. Ix-xjenza dej-m tikxef rimedji ġodda għat-tħa-s u l-fejqan ta' kull ħlieqa. Min ri kien jimrad bid-difterja, in-nan-ı kien ikollu jħallih imut fgat. ħa! ġidri u għal għadd kbir ta' ard ieħor in-nannu u l-bużnannu a kellhomx rimedji, u minkejja l-ħasra u s-sogħba kollha li kienu ossu, kienu jikkrepaw fihom infu-om u jaraw lil uliedhom u lil qra-thom jinqerdu qasir il-għomor.

**Għal ħafna mill-mard il-lum ma adux dak li kien. Ix-xjenza u l-erf tal-bniedem għamlu sejbiet li sslu barka u hena fost għadd kbir ' maħluqin u kif fuq il-bniedem, kk ukoll fuq l-uċuħ, it-tjur u l-an-mali, instabu rimedji ġodda li mis-rijietna ma kienu ħolmu qatt bi-m. Il-lum ma għadux dak li kien d-dinja tinsab miexja 'l quddiem b'passi ta' ġgant bi progress kbir.**

Il-ħamrija tiftaqar bħal ma l-an-nimali jabbastardjaw ruħhom. Id-demel tal-ħaxix instab li jagħti ħajja ġdida lill-art. It-tahlit tar-razez isaħħu l-annimali u lit-tjur. Dari n-nannu ma kienx jaħti meta jmurlu l-wiċċ tal-patata u tal-għeneb, il-bidwi tal-lum ħaqqu stmerrija meta jmorrulu dawn l-uċuħ, l-għaliex bi ftit kupru għandu f'idejh ir-rimedju li jista' jsalvahom.

Fejn qatt in-nannu seta' jiġi moqdi bil-moħriet tal-mutur, il-makna tad-dris u għadd ta' inġenji oħra? Fejn qatt kellu d-D.D.T., il-Gammexane, il-Katakilla u għadd ta' misturi oħra li qegħdin iħarsu mill-mard lill-uċuħ u lis-siġar? Kif setgħu qatt missierijietna jfejqu lili-bhejjem ta' l-ifrat mill-pesta, mill-mard tad-drieg ħ u mill-marsuttil, jew lill-majjali mill-irsipla, jew lit-tjur mill-ġidri, mill-imħat u mill-irjieħ, jew lill-fniek mill-muzalz, mill-coccidiosis u elf ħaġa oħra, meta r-rimedji għall-fejqan jew kura ta' dan il-mard kienu għadhom ma nstabux?

**Il-fehma ħażina li l-bidwi m'għandux x'jitgħallem għandha tindifen. L-għanqbut tan-nannu għandu jitwarrab mill-imħuħ ta' dan is-seklu u naħdmu biex il-għerf li tikxef ix-xjenza, ngħallmu xi ftit minnu lill-bidwi tagħna biex jibda jaħdem skond il-metodi moderni, għall-ġid tiegħu stess u għall-ġid ta' artu.**

## ID-DEMEL TAL-HAXIX

*Meħud mid-Diskors li għamel l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur nhar il-Gandlora.*

Jinsab aspett ieħor f'dawn il-kwistjonijiet ta' nutriment u saħħa nazzjonali li nixtieq insemmi hawn fil-qosor. L-istess bħalma s-saħħa tal-bnedmin tiddipendi fil-biċċa l-kbira mill-ikel li jieklu, hekk is-saħħa ta' l-annimali tiddipedi mill-ikel tagħhom, u s-saħħa tax-xtieli wkoll tid-dipendi min-nutrimenti li jsibu fil-ħamrija. *B'hekk is-saħħa tal-bniedem tiddipendi mis-saħħa tal-ħamrija li hija fl-aħħar mill-aħħar il-għajn minn fejn jinkiseb dak kollu li jiekol.* Il-fertilità tal-gżejjer ta' Malta nbniet u nżammet kif inhi b'metodi tradizzjonali tal-biedja għal bosta mijiet ta' snin. Aħna, għalhekk, għandna naħsbu ħafna qabel ma nagħmlu tibdil fodamentali. Kien il-prinċipju li jingħata lura lill-ħamrija l-fdal kollu tal-ħaxix u ta' l-annimali li huwa t-tmiem jew il-prodott li joħroġ mill-proċess tal-ħajja. Dan il-prinċipju għandu jibqa' jintuża, iżda jista' jsir aħjar u aktar ipperfezzjonat. L-esperimenti u t-tiftix ta' nies

(Ikompli fil-faċċata 2)

## IL-MARDA TAL-GLATA

Hafna mill-uċuħ tal-patata tar-rebbiegħa tfaċċaw mill-ħamrija. Tafdawx! Bexxuha mill-ewwel ħalli tħarsuha mill-mard. Bexxuha fil-għodu kmieni u jekk tagħmel xita qawwija bexxuha mill-ġdid.

Sakemm tilħaq bexxuha mill-inqas tliet darbiet f'intervalli ta' bejn il-15 u l-20 ġurnata.

Isimgħu minn dawn it-twissijiet tagħna biex ma jiġrilniex bħal ma ġralna fil-wiċċ tax-xitwa li tlifnih kważi kollu u kellna nimpurtaw il-patata ta' barra.

Iftħu moħħkom għall-ġid tagħkom u għall-ġid tan-Nazzjon. Il-ftit soldi li taħlu fil-mistura Burduliża jistgħu jiswewlkom mitkulhom deheb

BEXXU ISSA!!!

